Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 604/2014

**Modern Design Properties Limited**

**vs**

**Lay Lay Company Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Lay Lay Company Limited li, ghar-ragunijiet moghtija, talbet lil din il-Qorti tirrevoka u thassar il-mandat ta'

sekwestru Nru. 874/14 dan a tenur tal-Art. 836 (1) (c) (d) u (f) tal-Kap. 12.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet Modern Design Properties Limited u Polidano Holdings Limited li, ghar-ragunijiet imifssra fl-istess risposta, sostnew li t-talbiet ta’ LayLay Company Limited ghandhom jigu michuda.

Rat l-atti kollha.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-procedura s-socjetà rikorrenti qed titlob li jithassar mandat ta’ sekwestru mahrug fil-konfront taghha mis-socjetajiet intimati sabiex jikkawtelaw jedd pretiz minnhom ghal danni li qed jigu lilhom kawzati minn tilwima dwar zewg bicciet art li z-zewg nahat isostnu li huma taghhom.

Ghandu jigi enfasizzat li kull ordni li taghti l-Qorti fi proceduri ta’ din ix-xorta hija essenzjalment iz-zamma ta’ bilanc bejn id-dritt ta’ pretiz kreditur li jikkawtela kreditu b’kull mezz li taghtih il-ligi ma d-dritt ta’ allegat debitur li ma jigix ingustament imxekkel u mkasbar fi tgawdija ta’ hwejgu u hidmietu.  Inoltre, ghandu jigi mtenni illi kull ezami li jsir minn din il-Qorti dwar drittijiet pretizi jasal biss sa’ dak li jidher mad-daqqa t’ghajn, bi skrutinju profond jibqa’ essenzjalment rizervat ghal dawk il-proceduri fejn ikun qed jigi trattat il-mertu

tal-kawza wkoll jekk din tkun kawza pendenti quddiem il-Qorti kif presjeduta.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li s-sekwestranti ghandhom ipoteka specjali registrata fuq il-proprjetà ta' Lay Lay Company Limited u dan biex tiggarantixxi l-pacifiku pussess tal-proprjetà minnhom akkwistata. Ghalkemm il-Qorti tinsab infurmata li jezistu proceduri rigwardanti l-validità tal-istess ipoteka, din il-Qorti tqis li galadarba l-ipoteka ghada tezisti, l-garanzija li tipprovdi hija sal-lum effettiva biex tiggarantixxi l-jeddijiet tas-sekwestranti. Il-posizzjoni tal-partijiet tkun, semmai, tista' tigi ri-evalwata fl-eventwalità li l-effett tal-ipoteka jixxejjen.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' danni pretizi, ma jirrizulta lill-Qorti ebda hjiel ta' kif qed jigu kalkolati dawn id-danni, partikolarment in vista tal-fatt li kienu l-istess socjetajiet sekwestranti li kkrejaw servitujiet ta' passagg fuq il-plots b'tali mod li dawn ma jistghux jigu zviluppati sakemm ma jsirux toroq pubblici fl-inhawi.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Lay Lay Company Limited u tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru 874/14.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------